

31999D0527

3.8.1999

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 203/63

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Lulju 1999

li tistipula kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw importazzjoni ta' ħut u prodotti ta' akwakultura li joriġinaw fl-Oman

(notifikata skond id-dokument numru C(1999) 2059)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/527/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it- Trattat li jstabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 Lulju 1991 li tistipula kundizzjonijiet ta' saħħa għall-produttzjoni u t-tpoġġija fuq is-suq ta' prodotti ta' ħut ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 97/79/KE ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

- (1) Billi tim ta' esperti tal-Kummissjoni għamel żjara ta' ispezzjoni fl-Oman biex jivverifika l-kundizzjonijiet li bihom prodotti ta' ħut huma prodotti, maħżuna u mibgħuta lill-Komunità;
- (2) Billi d-disposizzjonijiet tal-liġijiet tal-Oman dwar ispezzjoni ta' saħħa u tħaris ta' prodotti tas-sajd jistgħu jkunu kunsidrati ekwivalenti għal daww stipulati fid-Direttiva 91/493/KEE;
- (3) Billi, fl-Oman id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi ta' Sajd (DGFR) tal-Ministeru ta' Agrikoltura u Sajd huwa kapaċi illi jivverifika effettivament l-applikazzjonijiet tal-liġijiet fis-seħħ;
- (4) Billi l-proċedura sabiex jinkiseb iċ-ċertifikat tas-saħħa msemmi fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandha tapplika wkoll għad-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, il-ħtiġiet minimi li jirrigwardaw il-lingwa jew lingwi li bihom għandhom ikunu abbozzati u l-kariga tal-persuna li tista tiffirmah;
- (5) Billi, skond l-artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandu jkun hemm marka fuq il-pakketti fuq prodotti ta' ħut li jagħtu l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, ħażna kiesħa jew bastiment friża ta' oriġini;
- (6) Billi, skond l-artikolu 11(4)(c) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha ssir lista ta' stabbilimenti ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni, bastimenti-fabbrika, jew ħażna kiesħa; billi għandha ssir lista ta' bastimenti-friża reġistrati skond il-provvedimenti tad-Direttiva 92/48/KEE ⁽³⁾; billi dawn il-listi għandhom isiru fuq bażi ta' komunikazzjoni minn

DGFR lill-Kummissjoni; billi huwa għaldaqstant għad-DGFR biex jiżgura konformità mad-disposizzjonijiet innizzla għal dak il-fini fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

- (7) Billi id-DGFR ipprova assigurarazzjonijiet uffiċjali dwar konformità mar-regoli stipulati fil-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE, u fir-rigward tat-tweqqif tal-ħtiġiet ekwivalenti għal daww stipulati f'dik id-Direttiva għall-approvazzjoni jew reġistrazzjoni ta' l-istabbilimenti, bastimenti-fabbrika, mħażen kiesħa, jew bastimenti-friża ta' oriġini;
- (8) Billi l-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOPTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi ta' Sajd (DGFR) tal-Ministeru ta' l-Agrikoltura u Sajd għandu tkun l-awtorità kompetenti fl-Oman biex tivverifika u tiċċertifika konformità ta' prodotti ta' sajd u akwakultura mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

Artikolu 2

Prodotti ta' sajd u akwakultura li joriġinaw fl-Oman għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet segwenti.

1. Kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat oriġinali innumerat ta' saħħa, mimli, iffirmat, idattat u li fih folja waħda skond il-mudell f'L-Anness A.
2. Il-prodotti għandhom jiġu minn stabbilimenti approvati, bastimenti-fabbrika, mħażen ksah jew bastimenti-friża reġistrati elenkati f'dan l-Anness B.
3. Ħlief fil-każ ta' prodotti ta' ħut iffirżati bil-qabda u ntiżi għall-immanifatturar ta' ikel priservat, il-pakketti kollha għandhom iġibu l-kelma 'Oman' u n-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment-fabbrika, maħżen kiesaħ jew bastiment-friża ta' oriġini b'ittri li ma jistgħux jitħassru.

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.

⁽²⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.

⁽³⁾ ĠU L 187, tas-7.7.1992, p. 41.

Artikolu 3

1. Ċertifikati kif imsemmija fl-Artikolu 2(1) għandhom isiru ta' l-inqas b'lingwa uffiċjali waħda fl-Istat Membru fejn l-ispezzjonijiet isiru.
2. Ċertifikati għandhom iġibu l-isem, kariga u firma tar-rappreżentant tad-DGFR u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dik ta' firem oħra.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għal prodotti ta' ħut u akwakultura li joriġinaw mill-Oman u intiżi għall-esportazzjoni lill-Komunità Ewropea, minbarra molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi marittimi fi kwalunkwe forma

Numru ta' Referenza:

Pajjiż tal-kunsinna: OMAN

Awtorita kompetenti: Id-Direttorat-Ġenerali tar-Riżorsi tas-Sajd (DGFR) tal-Ministeru għal Agrikoltura u Sajd

I. Dettalji li jidentifikaw prodotti ta' ħut

- Deskrizzjoni ta' prodotti ta' ħut/akwakultura ⁽¹⁾:
- speċi (isem xjentifiku):
- preżentazzjoni ta' prodott u tip ta' trattament ⁽²⁾:
- Numru ta' kodiċi (fejn applikabbli):
- Tip ta' ippakkjar:
- Numru ta' pakketti:
- Piż nett:
- Ħażna meħtieġa u temperatura tat-trasport:

II. Oriġini ta' Prodotti

Isem jew ismijiet u numru jew numri uffiċjali ta' stabbiliment jew stabbilimenti, jew ħażna jew ħażniet kiesħa approvati jew bastiment(i) friża reġistrati permezz tar-reġistrazzjoni DGFR għal esportazzjoni lill-Komunità Ewropea:

.....

.....

.....

III. Destinazzjoni tal-Prodotti

Il-Prodotti huma kunsinjati minn:
(post ta' kunsinna)

għal:
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

permezz tas-segwenti mezzi ta' trasport:

Isem u indirizz ta' min jikkunsenja:

.....

.....

Isem tal-persuna li tirċievi l-kunsinna u l-indirizz fil-post ta' destinazzjoni:

.....

.....


⁽¹⁾ Ħassar fejn jixraq.

⁽²⁾ Ħajjin, fil-fridge, iffriżati, immelħa, iffumigat, priservati, eċċ.

IV. Ċertifikat ta' saħħa

- L-ispettur uffiċjali qiegħed hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti ta' ħut u akwakultura speċifikati hawn fuq:
- (1) kienu maqbuda u trattati fuq bastimenti skond regoli ta' saħħa stipulati fid-Direttiva 92/48/KEE;
 - (2) tniżżlu, ġew trattati u fejn jixraq pakkjati, preparati, proċessati, friżati, imdewba umahzuna b'mod iġeniku b'konformità mal-ħtiġiet stipulati fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
 - (3) għaddew minn kontrolli ta' saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
 - (4) huma pakkjati, markati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
 - (5) ma jiġux minn speċi tossiċi jew speċi li fihom bijotossiċi;
 - (6) għaddew b'mod sodisfaċenti minn spezzjonijiet organoleptiċi, parassitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stipulati għal ċerti kategoriji ta' prodotti ta' ħut fid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni;
- L-uffiċjal hawn taħt iffirmat qiegħed hawn jiddikjara li jaf bid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, Direttiva 92/48/KEE u din id-Deċiżjoni.

Magħmulha fil- , fil-
(Post) (Data)



.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali (3)

.....
(Isem b'ittri kbar, kompetenza u kwalifiki tal-persuna li qed tiffirma)

(3) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandhom ikunu differenti minn dak użat fil-kumplement taċ-ċertifikat.

ANNEX B

LISTA TA' STABILIMENTI APPROVATI

Numru	Isem	Indirizz
QC92/1	Oman Fisheries Co Muscat (Għala)	Ruwi
QC92/10	Al Arkan Trading Co. Sohar	Sohar
QC92/20	Annes Trad. Centre LLC Muscat (Darseit)	Muttrah
QC92/33	Al-Muqalla Trading Est. Sur	Sur